QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 6 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 1841/99DM

GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera CGU Insurance plc ta' Perth Scotland gia General Accident Fire and Life Corporation plc u Royal International Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Agius Agriculture Trading Limited

vs

Eurobridge Shipping Services Limited proprio u bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera Trasporti Castelletti s.p.a. u bhala agenti u fornituri tal-vapur Deutch Trader

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhalsu s-somma ta' erba' mija sitta u disghin lira u hamsin centezmu (Lm496.50) rapprezentanti hsarat ikkawzati f'konsenja ta' zewg stainless - steel tanks li gew importati minn Agius Agricultural Trading Ltd u li wasslu Malta fit-13 ta' April 1999 abbord il- vapur Deutch Trader ghal liema hsarat il-konvenuti kienu unikament responsabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas- subizzjoni u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1 Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

A l-importatur Agius Agricultural Trading Limited qatt ma ghamel claim mas-socjeta konvenuta;

B b'rizultat ta' dan l-konvenut ma jistghax jikklemja lill-agent tieghu barra minn Malta li jkun ghabba x-xoghol barra minn Malta stante li skada t-terminu;

C li l-ammont mhux dovut mis-socjeta konvenuta.

Rat in-nota tal-atturi ipprezentata fil-25 ta' Mejju 2000

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenuti mhux qed jibbazaw il-kontestazzjoni taghhom fuq xi nuqqas ta' provi dwar il-konsenja tal-merkanzija fi stat ta' hsara, lanqas ma jikkontestaw li huma l-agenti u jirrapresentaw lid-ditta estera Castelletti S. p.A. li kienu obbligati li jittrasportaw il-merkanzija sa Malta fl-istess stat li rcevewha.

Il-konvenuti jsosstnu li ma gewx infurmati a tempo debito bl-allegati hsarat biex b'hekk tilfu l-possibilita' li, minn-naha taghhom, jigu kkompensati ghal xi telf mill-assiguraturi taghhom.

Mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta stabbilit li effettivament, huma bhala assikuraturi tal-atturi kienu ghamlu tajjeb ghall-hsara li sofrew l-importaturi tat-tankijiet in kwistjoni u li dawn it-tankijiet kienu effettivament gew ikkonsenjati mill-konvenuti bi hsarat li ma kellhomx meta kienu rcevewhom.

Jirrizulta wkoll illi l-atturi biex ghamlu tajjeb ghal dawn il-hsarat kienu hallsu s-somma ta' LM496.50 lill-importaturi assigurati maghhom.

Jirrizulta wkoll li l-konvenuti kienu gew infurmati bil-hsara fit-tankijiet li wasslu Malta fis-16 ta' April 1999, **dak inhar stess** b'ittra tal-importaturi (kopja a fol 11).

Oltre dik l-ittra l-atturi stess interpellaw lill-konvenuti ghall-hlas b'ittra tal-20 ta' Awissu u 12 ta' Ottubru 1999 biex b'hekk il-konvenuti kellhom iktar minn bizzejjed preavviz biex setghu jiehdu hsieb l-interessi taghhom.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' LM496.50 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax mis-16 ta' Dicembru 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23